# UGANDA

*Ta'* S. Gatt

Kulfejn tinrah il-għajn iħaddru s-siġar
bħal kwiekeb fis-smewwiet f'dil-art mifruxa.
Kulfejn il-pass jimtedd il-għana jidwi
t'agħsafar ta' kull daqs b'elf lewn minquxa...

Ftit bogħod minn xuixin irħula ċkejkna,
mgħammra bi djar ta' sura kerha u fqira
li fihom jgħixu nies nofshom għarwiena
li jafu ftit jew xejn mid-dinja kbira...

U tibki l-art dirgħajn li jtulha l-ħajja,
u tisħet dell il-mewt li jaħkem fuqha;
Tixtieq il-ħalib tagħti ta' sidirha
biex taqdi d-dmir għalih mn'Alla maħluqa...

Jgħix min jitwieled hemm il-ħajja mċaħħda
minn dak li l-ħajja titlob bħala ħajja;
Jitwieled, jgħix u jmut... bla ebda tama
li darba jibdel minn ta' ħajtu l-ġrajja.

Iżda għalkemm magħluq ġo fih innifsu,
u f'qalbu ma tixgħelx tal-hena xrara,
Hu jinsa lilu nnifsu... għal ftit... u jiżfen
iż-żifna tat-tanbur u tas-suffara!...